MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 535/2008

**Socjeta` Filarmonika San Pietru Banda Birzebbugia A.D. 1990**

**vs**

**In-Nutar Dottor Charles Vella Zarb**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat is-27 ta’ Mejju, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` filarmonika rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi permezz ta’ konvenju in atti tan-nutar intimat datat id-29 ta’ Lulju, 2004, certa Antoinette Tabone ppromettiet u obbligat ruhha li tbiegh, iccedi u titrasferixxi lis-socjeta` filarmonika rikorrenti l-fond numru 14, gia` 76, “*Martin’s Pharmacy*”, ta’ Triq Birzebbugia, Birzebbugia,

ghall-prezz ta' hamsa u sittin elf Lira Maltija, (Lm65,000.00);

2. Illi l-istess socjeta` filarmonika rikorrenti gia` hallset lill-imsemmija Antoinette Tabone s-somma ta' erbat elef Lira Maltija, (Lm4,000.00), bhala depozitu;

3. Illi l-bilanc rimanenti jithallas mill-istess socjeta` mal-konkluzjoni tal-kuntratt bl-eccezzjoni ta' l-ammont ta' hmistax –il elf Lira Maltin, (LM15,000.00), li jithallas bir-rata ta' tlett elef Lira Maltija, (LM3,000.00), fis-sena;

4. Illi fl-istess konvenju fuq indikat il-partijiet senjatament l-imsemmija socjeta` filarmonika rikorrenti u Antoinette Tabone, awtorizzaw lin-nutar intimat fuq riferit biex jirregistra l-istess konvenju mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni skont il-ligi;

5. Illi l-effetti tal-istess konvenju gew imgedda ghal darbtejn ohra permezz ta' skritturi privati datati d-29 ta' Jannar, 2005, u t-30 t'April, 2005, liema tigdid sar ghand l-istess nutar intimat;

6. Illi n-nutar intimat naqas jirregistra dan it-tigdid skont il-ligi;

7. Illi konsegwenza ta' dan in-nuqqas tan-nutar intimat, il-konvenju *de quo* skada;

8. Illi in vista tal-istess zvilupp, il-venditrici Antoinette Tabone irrifjutat li tersaq ghall-att finali;

9. Illi in vista tal-istess zvilupp imsemmi fil-paragrafu precedenti, is-socjeta` filarmonika rikorrenti kienet kostretta tidhol f'konvenju iehor mal-imsemmija Antoinette Tabone datat it-30 ta' Jannar, 2006, biex jixtru l-istess fond fuq indikat, din id-darba ghall-prezz ta' sebgha u sebghin elf u hames mitt Lira Maltija, (LM77,500.00), b'hekk tnax –il elf u hames mitt Lira Maltija, (LM12,500.00), aktar mill-prezz originarjament pattwit fil-konvenju tad-29 ta' Lulju, 2004, fuq gia` riferit;

10. Illi l-kuntratt relattiv gie ppubblikat fis-26 ta' Mejju, 2006, in atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion, u dan ghall-prezz indikat fil-paragrafu precedenti;

11. Illi ghalhekk, minhabba traskuragni tal-imsemmi nutar intimat, is-socjeta` filarmonika rikorrenti sofriet danni ammontanti ghal tnax –il elf u hames mitt Lira Maltija, (LM12,500.00);

12. Illi konsegwentement l-istess socjeta` rikorrenti titlob li din il-qorti joghgobha:

i. Tiddikjara n-nutar intimat responsabbli ghad-danni li sofriet meta hu naqas jirregistra ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni t-tigdid tal-konvenju tad-29 ta' Lulju, 2004, u li minhabba f'hekk skada l-imsemmi konvenju;

ii. Tillikwida d-danni li sofriet is-socjeta` filarmonika rikorrenti fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, mija u sbatax –il Ewro u sbatax –il centezmu, (€29,117.07), ekwivalenti ghal tnax –il elf u hames mitt Lira Maltin, (LM12,500.00);

iii. Tikkundanna lin-Nutar intimat fuq riferit biex ihallas is-somma ndikata fit-talba precedenti, u dan, in linea ta' danni kif fuq inghad;

iv. Bl-ispejjez, komprizi ta' l-ittra ufficcjali ndikata fir-rikors guramentat promotur kontra l-istess intimat;

Rat ir-risposta tal-intimat fuq riferit datata d-29 t'Awwissu, 2008, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

1. Illi l-fatti kif esposti mis-socjeta` filarmonika rikorrenti fl-ewwel tlett paragrafi tar-rikors guramentat promotur taghha huma korretti, (ara fol 1 u fol 27);

2. Illi rigward it-tigdid tal-konvenju kif indikat fir-raba' paragrafu tar-rikors guramentat promotur, (ara fol

1), isostni li ma kienx awtorizzat jirregistra l-estensjoni u li dan mhux obbligu tieghu;

3. Illi l-venditrici Tabone kienet disposta tbiegh il-fond *de quo* s'Awwissu, 2005, u kienet is-socjeta` filarmonika rikorrenti li tawwlet iz-zmien ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ghal ragunijiet li tafhom hi biss;

4. Illi l-kuntratt seta' sar fit-termini pattwiti stante li r-ricerki u l-ezamijiet tal-Bank kienu konkluzi;

5. Illi l-kuntratt kien gie ppubblikat minn nutar iehor;

6. Illi d-danni pretizi mis-socjeta` filarmonika rikorrenti baghtiethom minhabba nuqqas taghha stess u mhux ghal xi nuqqas tal-intimat;

7. Illi *di piu`*, l-istess nutar intimat ikompli jirrileva sintetikament is-segwenti:

i. Illi mhux l-obbligu legali tan-nutar jew ta' persuna li tabbozza konvenju li tirregistrah, imma hu l-obbligu tal-partijiet li jirregistrawh ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni;

ii. Illi fl-ahhar tigdid tal-konvenju ma saritx l-awtorizzazzjoni mehtiega biex ikun jista' jirregistrah in-nutar involut;

iii. Illi n-nutar intimat ma jistax jigi misjub responsabbli ta' danni konsistenti f'zieda ta' prezz negozjat mill-partijiet ghal ragunijiet li jafuhom huma biss;

iv. Illi l-fatti tal-kaz u d-dewmien riskontrat biex sar il-kuntratt kien htija tar-rikorrenti li tawwlet iz-zmien ghal ragunijiet u fl-interess taghha;

v. Illi n-nuqqas li kien hemm kien semmai dovut mir-rikorrenti li m'ghamlet l-ebda hlas lill-intimat ghas-servizzi minnu rezi;

Rat ir-rikors tan-nutar intimat datat l-4 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu talab jintavola eccezzjoni ulterjuri rigwardanti l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 stante li *ai termini* tal-artikolu 2112 tal-Kap 16, din l-eccezzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, (ara fol 128);

Rat ir-risposta tas-socjeta` filarmonika rikorrenti datata l-25 ta' Gunju, 2012, li wiegbet sintetikament:

1. Illi l-eccezzjoni tal-intimat *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 mhix applikabbli ghall-kaz in dizamina;

2. Illi pero` ma opponietx ghall-prezentata tal-istess eccezzjoni;

Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Novembru, 2012, fejn wara li ssottolineat in-nuqqas t'oppozizzjoni tas-socjeta` filarmonika rikorrenti laqghet it-talba;

Hadet ghalhekk konjizzjoni tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu ordnat il-provi fuq il-preskrizzjoni sollevata, (ara fol 138);

Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat biex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet limitatament fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata u ghar-risposta relattiva fit-termini hemm indikati, (ara fol 143);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata l-15 ta' Frar, 2013;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` filarmonika rikorrenti datata t-18 ta' Marzu, 2013;

Ezaminat ix-xhieda prezentata fir-rigward;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza hi wahda ta’ natura parzjali stante li qed tindirizza biss ir-risposta ulterjuri sottomessa mill-intimat senjatament dik rigwardanti l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Illi l-imsemmi artikolu jistabbilixxi s-segwenti:

“L-azzjoni ghall-hlas ta’ hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni ta’ sentejn”;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tad-delineazzjoni temporali fuq indikata l-intimat issottometta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artikolu fuq indikat;

2. Illi l-perjodu nvolut rilevanti ghall-vertenza odjerna hu dak mill-mument li fih suppost naqas l-intimat sal-mument meta giet vantata l-pretensjoni kontra tieghu;

3. Illi l-perjodu hekk involut hu aktar mis-sentejn postulat statutorjament;

4. Illi l-konvenju originali bejn is-socjeta` filarmonika rikorrenti u Antoinette Tabone kien konkluz fid-29 ta’ Lulju, 2004, (ara fol 5);

5. Illi l-imsemmi konvenju kellu jiskadi wara sitt (6) xhur, senjatament fid-29 ta’ Jannar, 2005;

6. Illi pero` l-partijiet estendew l-istess konvenju fis-27 ta’ Jannar, 2005, u dan, sat-30 t’April, 2005, (ara fol 6), u *di piu`* awtorizzaw lin-nutar intimat jirregistra l-istess tigdid skont il-ligi, (ara wkoll fol 6);

7. Illi skont l-intimat huma l-partijiet involuti fit-trasferiment li huma obbligati jottemporaw ruhhom mal-ligi, u ghalhekk huma l-partijiet li jridu jirregistraw id-dokumenti relattivi mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni;

8. Illi hu ghalhekk li huma l-partijiet li jawtorizzaw lin-nutar biex jezegwixxi dan l-obbligu ta' registrazzjoni flokhom;

9. Illi ghalhekk f'dan l-istadju tinholoq relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet u n-nutar minnhom assunt;

10. Illi ghalkemm il-konvenju in dizamina kien ukoll gie sussegwentement estiz sal-31 t'Awwissu, 2005, (ara fol 7), din id-darba in-nutar intimat ma nghatax l-awtorizzazzjoni li jgedded ir-registrazzjoni tal-istess konvenju;
11. Illi bhas-socjeta` filarmonika rikorrenti u bhal Tabone, l-intimat isostni li kellu sal-15 ta' Mejju, 2005, biex jirregistra l-imsemmi konvenju skont il-ligi tal-Kummissarju *de quo*;

12. Illi in vista tal-premess, fl-aghar ipotesi, it-terminu preskrittiv jiskadi fil-15 ta' Mejju, 2007;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward is-socjeta` filarmonika rikorrenti sintetikament issostni s-segwenti:

1. Illi l-konvenju in dizamina kien konkluz fid-29 ta' Lulju, 2004, (ara fol 5), liema konvenju gie mgedded fid-29 ta' Jannar, 2005, (ara fol 6), sat-30 t'April, 2005;

2. Illi fit-30 t'April, 2005, il-partijiet involuti regghu geddew il-konvenju bi tlett (3) xhur ohra bi skadenza fil-31 ta' Lulju, 2005, (ara fol 7);

3. Illi hu minnha allegat li n-nutar intimat nesa jirregistra dan it-tieni tigdid indikat fil-paragrafu precedenti mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni skont il-ligi;

4. Illi meta n-nutar intimat irrilaxxa kopja dattilografata tal-estensjoni nizzel data erronea bi zvista, senjatament il-31 t'Awwissu, 2005, u mhux il-31 ta' Lulju, 2005, kif effettivament pattwit;

5. Illi n-Nutar intimat kien konxju minn nuqqas tieghu li jirregistra l-konvenju u t-tigdid relattiv mal-Kummissarju *de quo* u effettivament issuggerixxew li jsir konvenju iehor – li pero`, Tabone irrifjutat;

6. Illi jidher li l-istess nutar intimat issuggerixxa xi forma ta' raggir li pero`, is-socjeta` filarmonika rikorrenti rrifjutat li tippartecipa fih;

7. Illi fis-27 ta' Lulju, 2007, is-socjeta` filarmonika rikorrenti baghtet ittra ufficcjali lin-nutar intimat li permezz taghha intimatu bil-konsegwenza tal-agir – jew nuqqas t'agir – tieghu, (ara fol 145);
8. Illi l-kawza in dizamina giet intavolata permezz tar-rikors guramentat appozitu fis-27 ta' Mejju, 2008, (ara fol 1);

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-vertenza odjerna tiggrava fuq il-*punctum temporis* bejn dak meta n-nutar intimat naqas li jespleta l-obbligu statutorju tieghu li jirregistra d-dokumenti kif rikjesti fl-artikolu 11 tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta u d-data tal-introduzzjoni tal-kawza in dizamina ndikata fil-paragrafu precedenti;

Illi kif jirrizulta mill-fatti kif suesposti dawn il-perjodi jirrizultaw li huma l-31 ta' Lulju, 2005, u s-27 ta' Mejju, 2008, rispettivament;

Illi in vista tal-premess, jirrizulta abbundantement assodat li l-perjodu ta' sentejn impost *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 fuq riprodott, kien gie regolarment interrott, u dan, bl-ittra ufficcjali mibghuta lin-nutar intimat datata s-27 ta' Lulju, 2007;

Illi ghaldaqstant, din il-qorti tirrileva li l-perjodu preskrittiv hekk statutorjament impost gie regolarment interrott, u konsegwentement, filwaqt li tiddikjara li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tirrizultax pruvata, tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu u konsegwentement tirriserva li tappunta l-istess kawza ghall-kontinwazzjoni wara li tisma' lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------